

Brussell, 12 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12628/25

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0198 (BUD)**

---

**FIN 1046  
SOC 598**

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                |
|----------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Kumitat tal-Baġit                                                                                                                                                                                              |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                  |
| Nru dok. Cion: | 12247/25                                                                                                                                                                                                       |
| Suġġett:       | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju (EGF/2025/001 BE/BelGaN) |

---

• *Approvazzjoni*

---

1. Fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 11/2025<sup>1</sup>.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza ammont ta' EUR 0.9 miljun taħt il-FEG biex tiġi ssodisfata applikazzjoni mill-Belġju biex il-Fond jintuża b'segwitu għas-sensji tal-ħaddiema fil-BelGaN BV (li għaddiet minn manifattur ibbażat fuq is-siliċju għal manifattur ibbażat fuq nitrur tal-gallju), sabiex tingħata assistenza għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-417-il benefiċjarju fil-mira, f'konformità mal-kriterji ta' intervent stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/691<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. 12250/25.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu fit-12 ta' Settembru 2025 u seta' japprovaha.
  4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 12629/25.
-